

Portabbiltà tal-kontenut diġitali: Qbil fil-Kunsill dwar il-prinċipji ewlenin

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali rigward abbozz ta' regolament maħsub biex jiżgura l-portabbiltà transfruntiera tas-servizzi ta' kontenut online fis-suq intern.

Il-qbil jippermetti lill-Kunsill jibda negozjati mal-Parlament Ewropew, ladarba l-Parlament ikun stabbilixxa l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

Il-president tal-Kunsill u ministru għall-affarijiet ekonomiċi tan-Netherlands, Henk Kamp, għamel il-kummenti li ġejjin: "Din l-inizjattiva ser tagħmel il-ħajja aktar faċli għaċ-ċittadini Ewropej meta jivvjaġġaw, billi tippermettilhom ikomplu jaċċessaw kontenut online li jkunu kisbu b'mod legali jew abbonaw għalih fl-istat membru tagħhom stess meta jkunu b'mod temporanju fi stat membru ieħor. Dan ifisser li ċ-ċittadini li jinsabu fi stat membru ieħor għal għanijiet bħal vaganzi jew vjaġġar fuq xogħol jistgħu jgawdu pereżempju minn mużika, films, loġhob jew avvenimenti sportivi bħal meta jkunu f'pajjiżhom".

L-ivjaġġar bl-abbonamenti għal servizzi ta' kontenut online

L-użu li qed jiżdied ta' tagħmir portabbli bħal tablets u smartphones jiffaċilita l-aċċess għall-użu ta' servizzi ta' kontenut online irrispettivament minn fejn jinsabu l-konsumaturi.

Hemm domanda li dejjem qed tikber mill-konsumaturi għall-aċċess għal kontenut u għal servizzi online innovattivi, mhux biss f'pajjiżhom iżda wkoll meta jkunu temporanjament imsefrin. Għalhekk, l-ostakli li jfixxlu l-aċċess u l-użu ta' tali servizzi ta' kontenut online fi ħdan is-suq uniku ser jiġu eliminati.

L-ostakli attwali għall-portabbiltà transfruntiera tas-servizzi ta' kontenut online jirriżultaw mill-fatt li d-drittijiet għat-trasmissjoni tal-kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur u/jew drittijiet relatati bħax-xogħlijiet awdjoviżivi kif ukoll bħad-drittijiet għal avvenimenti sportivi premium spiss jngħataw liċenzja fuq bażi territorjali.

Skont l-approċċ ġenerali, ir-regolament ikun japplika għas-servizzi tal-kontenut online li jiġu pprovduti bi hłas ta' flus. Is-servizzi ta' xandir fuq bażi bla hłas, bħax-xandara pubbliċi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mir-regolament sakemm jivverifikaw il-pajjiż tar-residenza tal-abbonati tagħhom.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta oriġinali f'Diċembru 2015. Din hija waħda mill-ewwel inizjattivi tal-istrategġija tas-suq uniku diġitali mressqa bl-għan li toħloq suq intern għal kontenut u servizzi diġitali.

- [Approċċ ġenerali](#)
- [Proposta tal-Kummissjoni](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press